



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13728/17

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0289 (COD)

PECHE 411
CODEC 1692

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Ottubru 2017
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2017) 633 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 633 final.

Mehmuż: COM(2017) 633 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2017
COM(2017) 633 final

2015/0289 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill rigward l-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008

1. SFOND

Id-data ta' meta l-proposta ntbagħtet lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (id-dokument COM(2015) 636 final – 2015/0289 COD):	L-10 ta' Diċembru 2015
Id-data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew:	Il-25 ta' Mejju 2016
Id-data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari:	It-2 ta' Frar 2017
Id-data ta' meta ntbagħtet il-proposta emendata:	L-14 ta' Lulju 2017
Id-data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	Is-17 ta' Ottubru 2017

2. L-GĦAN TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

Bħala parti integrali tar-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd¹ (PKS), fil-Komunikazzjoni² tagħha dwar id-Dimensjoni Esterna tal-PKS tal-2011 il-Kummissjoni pproponiet revizzjoni tar-Regolament dwar l-Awtorizzazzjonijiet tas-Sajd³ (FAR). Il-proposta għal Regolament dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni se ssaħħaħ is-supervizzjoni tal-flotta tas-sajd esterna tal-UE kull fejn topera.

Din il-proposta għandha l-għan li tirrevedi r-regoli attwali tar-Regolament dwar l-Awtorizzazzjonijiet tas-Sajd, sabiex tittejjeb il-governanza tal-oċeani, sabiex jiġu indirizzati l-oġettivi tal-PKS il-ġdida, u sabiex ikun hemm konsistenza mar-Regolament dwar il-Kontroll u mar-Regolament dwar is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat (IUU)⁴. Il-proposta għandha wkoll l-għan li tikseb kundizzjonijiet ekwi bejn il-flotot differenti, b'mod li

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

² COM(2011) 424, 13.7.2011.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitàjiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1-32).

l-flotta tas-sajd tal-UE li tistad barra l-ilmijiet tal-UE tkun soġġetta għall-istess regoli li huma soġġetti għalihom bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-UE.

Jeżistu regoli ġodda li jirregolaw l-awtorizzazzjonijiet diretti (magħrufa wkoll bħala "ftehimiet privati") li għandhom l-għan li jiskoraġġixxu l-bdil abbużiv tal-bandiera tal-bastiment, li jirregolaw il-kiri ta' bastimenti tal-Unjoni u li jipprevedu l-ħolqien ta' bażi ta' dejta għall-awtorizzazzjonijiet tas-sajd, li tinkludi parti sigura u parti pubblika.

Il-proposta hija bbażata fuq il-prinċipju tar-responsabbiltà tal-istat tal-bandiera u tistabbilixxi dispożizzjonijiet li permezz tagħhom l-Istati Membri tal-bandiera jwettqu kontrolli fuq bastimenti abbażi ta' kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti qabel dawn il-bastimenti jingħataw l-awtorizzazzjoni biex jistadu barra l-ilmijiet tal-UE. Dispożizzjonijiet sodi dwar il-monitoraġġ tal-flotot se jippermettu li bastimenti tal-UE ma jibqgħux jiġu awtorizzati jistadu jekk ma jikkonformawx mar-regoli.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

3.1 Kummenti ġenerali dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill

Il-pożizzjoni tal-Kunsill tirrifletti l-ftehim politiku li ntlaħaq mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-20 ta' Ġunju 2017. Il-Kummissjoni tappoġġa dan il-ftehim.

3.2 Emendi li għamel il-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari

Il-Parlament Ewropew qabel dwar elementi ġodda li ġejjin minn compromessi li ntlaħqu mal-Kunsill matul it-trilogi, iżda l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew wara l-ewwel qari dejjem inżammet u hija riflessa fil-ftehim politiku finali.

3.3 Dispożizzjonijiet li ddaħħlu abbażi tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni u tal-Kunsill f'dan ir-rigward

Il-pożizzjoni tal-Kunsill ma ssegwix il-proposta tal-Kummissjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta, id-definizzjonijiet użati, u l-proċeduri għall-ġhoti ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd. Il-pożizzjoni tal-Kunsill kompliet issaħħaħ id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament ugwali, biex jiġi żgurat li bastimenti tal-UE li joperaw kemm ġewwa kif ukoll barra l-ilmijiet tal-UE jiġu trattati b'mod ugwali u li bastimenti ta' pajjiżi terzi f'ilmijiet tal-UE josservaw l-istess kondizzjonijiet li josservaw il-bastimenti tal-UE. Għalhekk, ġie żgurat li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi effettivi għal kulħadd.

Il-Kummissjoni tqis li dawn il-bidliet jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-konsistenza tal-proposta, filwaqt li jissimplifikaw il-proċeduri previsti, inaqqsu l-piż amministrattiv u jirreferu kemm jista' jkun għar-regoli eżistenti fil-qafas tal-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd u għall-Ftehimiet Internazzjonali dwar is-Sajd, inklużi l-Ftehimiet tat-Tramuntana u Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.

Għalhekk, il-proposta tal-Kummissjoni ġiet emendata biex tipprevedi l-miżuri li ġejjin li huma riflessi fil-ftehim politiku:

L-inklużjoni ta' Taqsima 2 ġdida dwar "attivitajiet tas-sajd skont ftehimiet dwar skambju jew ġestjoni konġunta". Din it-taqsima ġiet inkluża sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta u biex jiġi żgurat li l-bastimenti kolha tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-UE huma koperti b'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 5(1)(d) dwar il-Kriteriji ta' eliġibbiltà: "In-nuqqas ta' ksur serju fl-aħħar 12-il xahar qabel l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tas-sajd". Dan il-kriterju ta' eliġibbiltà ġie propost bħala prekondizzjoni għall-ksib ta' aċċess għal awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastimenti minn pajjiżi terzi li beħsiebhom jistadu barra mill-ilmijiet tal-UE. Madankollu, il-Kunsill kien tal-fehma li dan il-kriterju ta' eliġibbiltà jikkostitwixxi sistema ta' sanzjonament doppju, u għaldaqstant wera oppożizzjoni qawwija ħafna kontriha. Madankollu, il-Parlament Ewropew appoġġah. Bħala parti minn compromess ġenerali, il-Kummissjoni taċċetta li tneħħi dan il-kriterju ta' eliġibbiltà mit-test, bil-kundizzjoni li jsir qbil dwar bażi ġuridika li tippermetti lill-Kummissjoni tintervjeni sabiex twaqqaf bastiment milli jstad skont l-Artikolu 7.

L-Artikolu 7(6) dwar il-"Is-sorveljanza tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd": Din id-dispożizzjoni tippermetti lill-Kummissjoni tintervjeni, bħala l-aħħar rimedju, sabiex twaqqaf bastiment milli jstad meta l-Istat Membru tal-bandiera ma jhux azzjoni (il-klawżola ta' "rkupru"). Il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni mhijiex aċċettabbli għall-Kunsill minħabba li hi meqjusa bħala inferenza b'rabta mal-kompetenzi tal-Istati Membri tal-bandiera. Il-Parlament Ewropew jappoġġa bażi ġuridika soda biex il-Kummissjoni tkun tista' tintervjeni sabiex twaqqaf bastiment milli jstad meta dak il-bastiment ma josservax ir-regoli.

Bħala parti minn compromess ġenerali, il-Kummissjoni aċċettat li l-intervent mill-Kummissjoni biex bastiment jitwaqqaf milli jstad ikun limitat għal żoni fejn hemm fis-seħħ ftehim internazzjonali dwar is-sajd li jorbot lill-Unjoni fir-rigward ta' Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd, jew ftehim internazzjonali dwar is-sajd li jorbot lil pajjiżi terzi skont Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli.

L-Artikolu 6(2) dwar Operazzjonijiet ta' għoti ta' bandiera ġdida: Il-bastimenti tal-UE ma għandhomx jistadu f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperax skont l-Artikoli 31 u 33 tar-Regolament IUU. L-Artikolu 31 jikkonċerna "l-identifikazzjoni" mill-Kummissjoni, filwaqt li l-Artikolu 33 jikkonċerna "l-istabbiliment ta' lista" mill-Kunsill. Il-Kunsill huwa tal-fehma li huwa komputu tal-Kunsill (permezz tad-Deċiżjoni tiegħu) li jniżżel pajjiż fil-lista ta' pajjiżi li ma jikkooperawx, u għalhekk l-identifikazzjoni mill-Kummissjoni ma għandu jkollha ebda effett fil-kuntest ta' din il-proposta.

Bħala parti minn compromess ġenerali, il-Kummissjoni aċċettat li bastiment jingħata perjodu ta' avviż ta' sitt ġimgħat biex jitlaq mill-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, ladarba l-pajjiżi terzi jiġi identifikat bħala pajjiż li ma jikkooperax skont l-Artikolu 31 tar-Regolament IUU.

L-Artikoli 13 sa 15 dwar "Allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati": Skont ir-regoli attwali, il-Kummissjoni għandha talloka mill-ġdid l-opportunitajiet tas-sajd mhux użati (l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008) permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Il-proposta għall-flotot esterni tipprevedi l-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex twettaq din l-allokazzjoni mill-ġdid. Il-Kunsill jinsisti li l-allokazzjoni mill-ġdid għandha ssir abbażi tal-Artikolu 43(3) tat-TFUE.

Bħala parti minn compromess ġenerali, il-Kummissjoni taċċetta din il-bażi ġuridika għall-allokazzjoni mill-ġdid ta' opportunitajiet tas-sajd mhux użati.

L-Artikolu 26a dwar it-"trasbord": il-Parlament Ewropew esprima li kellu diffikultajiet biex jaċċetta d-definizzjoni tal-Kunsill ta' "attivitajiet tas-sajd" fl-Artikolu 3(g), u sqarr li fil-fehma tiegħu din mhijiex olistika daqs dik li hemm fil-PKS. Il-Parlament Ewropew huwa prinċipalment interessat fl-inklużjoni ta' "ħatt l-art" u ta' "trasbord" fid-definizzjoni, iżda madankollu dan kieku jinvolvi piżijiet amministrattivi sostanzjali għall-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet għal dawn l-attivitajiet. Bħala compromess, il-Kunsill aċċetta li jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 26a għat-trasbord fl-ibħra miftuħa u għall-

awtorizzazzjonijiet diretti, bl-inklużjoni ta' notifika minn qabel lill-Istat Membru tal-bandiera u rappurtar annwali għall-Istati Membri lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni aċċettat dan il-kompromess għaliex għandu jgħin lill-Kummissjoni tikseb informazzjoni dwar it-trasbordi.

L-Artikolu 39(2) informazzjoni pubblika fil-bażi ta' dejta: Il-proposta tal-Kummissjoni u l-approċċ ġenerali tal-Kunsill qablu li d-dejta dwar l-isem u l-bandiera tal-bastiment, it-tip ta' awtorizzazzjoni u l-ħin u ż-żona li fihom il-bastimenti huma awtorizzati jistadu tiġi ppubblikata. Il-Parlament Ewropew kien tal-fehma li għandhom jiġu inklużi: (1) in-numru tas-CFR⁵ u dak tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, (2) l-isem, il-belt u l-pajjiż ta' residenza ta' sid il-kumpanija u tas-sid benefiċjarju tal-kumpanija, u (3) it-tip ta' awtorizzazzjoni tas-sajd u tal-opportunitajiet tas-sajd.

La l-Kunsill u lanqas il-Kummissjoni ma jistgħu jappoġġaw it-talba ta-Parlament Ewropew, u dan minħabba tħassib fir-rigward tad-dritt għall-privatezza, il-protezzjoni tad-dejta u l-protezzjoni ta' interessi kummerċjali. Il-koleġiżlaturi laħqu kompromess li permezz tiegħu id-dejta dwar sid il-kumpanija u s-sid benefiċjarju tal-kumpanija tinħażen fil-parti sigura tal-bażi ta' dejta. Barra minn hekk, se tiġi ppubblikata wkoll id-dejta li ġejja: (1) in-numru tas-CFR u dak tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali, (2) it-tip ta' awtorizzazzjoni, inkluż l-ispeċi jew il-grupp ta' speċijiet fil-mira, u (3) il-ħin u ż-żona li fihom huma awtorizzati l-attivitajiet tas-sajd. Il-Kummissjoni aċċettat dan il-kompromess għaliex iżid it-trasparenza b'konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Il-pożizzjoni wara l-ewwel qari adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2017 issaħħaħ l-elementi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni u tippreżenta test ibbilanċjat li jqis il-konsiderazzjonijiet prinċipali tal-Parlament Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Kunsill.

4. KONKLUŻJONI

Is-servizzi legali u l-ġuristi lingwisti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ingħataw il-mandat jagħmlu l-aġġustamenti kollha rilevanti fit-test. Għalhekk id-dokument finali jirrappreżenta l-ftehim politiku li l-koleġiżlaturi laħqu fl-20 ta' Ġunju 2017.

⁵ CFR tfisser in-numru tar-Reġistru tal-Flotta tas-Sajd tal-Komunità (numru).